IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2020
COM(2020) 240 final

ANNEX

ANNESSI

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

li tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq ċerti prodotti alkoħoliċi prodotti fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u tal-Azores

{SWD(2020) 108 final}

ANNESS

It-tagħrif li jrid jiddaħħal fir-rapport ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 6

1. Kostijiet addizzjonali stmati. It-tagħrif għandu jiġi pprovdut għal kull prodott li jibbenefika mir-rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jimlew it-Tabella 1 b'tal-inqas bit-tagħrif li ġej, fejn tagħrif bħal dan ikun disponibbli. It-tagħrif ipprovdut fit-tabella għandu jkun biżżejjed biex jiġi ddeterminat jekk ikunx hemm kost addizzjonali, li jżid il-kost tal-prodotti manifatturati lokalment meta mqabbla mal-prodotti manifatturati band'oħra.

Tabella 1.

	MADEIRA (euro)	L-AZORES (euro)	Noti[2]
Prezz tal-kannamiela (għal kull 100 kg)			
Prezz tal-frott tal-passjoni (għal kull 100 kg)			
Prezz tal-frott tat-tilju (għal kull 100 kg)			
Prezz tal-alkoħol (għal kull hlpa[3] — mingħajr it-taxxi)			
Il-kost tal-merkanzija (għal kull kg)			
Kostijiet oħra[1]			

Noti mat-Tabella:

1. Ipprovdi tagħrif dwar il-kostijiet relatati mal-ilma, mal-enerġija u mal-iskart, il-kostijiet f'każ ta' diversi stabbilimenti u kostijiet rilevanti oħra.

2. Ipprovdi tagħrif dwar l-ispeċifikazzjonijiet u l-kjarifiki kollha li jirfdu l-metodi ta' kalkolu.

3. F'ettolitri ta' alkoħol pur.

2. Sussidji oħra. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jimlew it-Tabella 2 għal kull reġjun, u jelenkaw il-miżuri l-oħra kollha ta' għajnuna u ta' appoġġ li jindirizzaw il-kostijiet operatorji addizzjonali tal-operaturi ekonomiċi marbuta mal-istatus tar-reġjuni ultraperifiċi ta' Madeira u tal-Azores.

Tabella 2.

Miżura ta' għajnuna/appoġġ[1]	**Perjodu[2]**	**Settur fil-mira[3]**	**Ammont tal-baġit f'EUR[4]**	**Nefqa annwali, f'EUR (2019-2024)[5]**	**Sehem tal-baġit attribwit għall-kumpens tal-kostijiet addizzjonali[6]**	**Għadd stmat ta' ditti benefiċjarji[7]**	***Noti[8]***

[lista]							

Noti mat-Tabella:

(1) Ipprovdi d-denominazzjoni u t-tip ta' miżura.

(2) Ipprovdi tagħrif dwar is-snin koperti mill-miżura.

(3) Ipprovdi tagħrif għal miżuri orjentati lejn is-settur biss.

(4) Ipprovdi tagħrif dwar il-baġit globali tal-miżura u dwar is-sorsi ta' finanzjament.

(5) Ipprovdi tagħrif dwar in-nefqa attwali sena b'sena għall-perjodu ta' monitoraġġ (2019–2024), fejn disponibbli.

(6) Ipprovdi stima approssimattiva, f'% tal-baġit globali.

(7) Ipprovdi stima approssimattiva, fejn possibbli.

(8) Ipprovdi kwalunkwe kummenti u kjarifiki.

3. Impatt fuq il-baġit pubbliku. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jimlew it-Tabella 3 u jipprovdu l-ammont totali stmat (f'EUR) tat-taxxa mhux miġbura minħabba d-differenzjali tat-taxxa applikati.

Tabella 3.

	2019	2020	2021	2022	2023	2024
Dħul mit-taxxa mitluf						

4. Impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika globali. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jimlew it-Tabella 4 għal kull reġjun u jipprovdu kwalunkwe *data* li turi l-impatt tad-dazji tas-sisa mnaqqsa fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tar-reġjuni. L-indikaturi mitluba fit-Tabella jirreferu għall-prestazzjoni tas-settur appoġġat meta mqabbel mal-prestazzjoni ġenerali fl-ekonomija ta' Madeira u fl-ekonomija tal-Azores. Jekk uħud mill-indikaturi ma jkunux disponibbli, għandha tiddaħħal *data* alternattiva ta' rappurtar dwar l-impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika globali li tippermetti analiżi tal-impatt soċjoekonomiku.

Tabella 4.

Sena[2]	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	***Noti***[3]
Valur miżjud gross reġjonali							
- *Fis-settur appoġġat*[1]							
Impjieg globali reġjonali							
- *Fis-settur appoġġat*[1]							
Għadd ta' produtturi attivi							
- *Fis-settur appoġġat*[1]							

Indiċi tal-livell tal-prezzijiet - Portugall kontinentali							
Indiċi tal-livell tal-prezzijiet tar-reġjun							
Għadd ta' turisti tar-reġjun							

Noti mat-Tabella:

(9) Ipprovdi tagħrif dwar il-produtturi tar-rum, tal-likuri u tal-eaux-de-vie.

(10) Jista' jkun li t-tagħrif mhux disponibbli għas-snin kollha elenkati.

(11) Ipprovdi kummenti u kjarifiki kif meqjus rilevanti.

5. Speċifikazzjonijiet tar-reġim. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jimlew it-Tabella 5 għal kull prodott u għal kull reġjun ta' Madeira u tal-Azores.

Tabella 5.

Kwantità (f'hlpa[1])	2019	2020	2021	2022	2023	2024
Produzzjoni tal-likuri						
Produzzjoni tal-eaux-de-vie						
Produzzjoni tar-rum						
Likuri mibgħuta lejn il-Portugall kontinentali						
Likuri mibgħuta lejn Stati Membri oħra						
Likuri esportati lejn pajjiżi terzi						
Eaux-de-vie mibgħuta lejn il-Portugall kontinentali						
Eaux-de-vie mibgħuta lejn Stati Membri oħra						
Eaux-de-vie esportati lejn pajjiżi terzi						
Rum mibgħut lejn il-Portugall kontinentali						
Rum mibgħut lejn Stati Membri oħra						
Rum esportat lejn pajjiżi terzi						

Noti mat-Tabella:

1. F'ettolitri ta' alkoħol pur.

6. Irregolaritajiet. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jipprovdu tagħrif dwar kwalunkwe investigazzjoni dwar irregolaritajiet amministrattivi, b'mod partikolari dwar l-evażjoni mit-taxxi jew il-kuntrabandu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni. Huma għandhom jipprovdu wkoll tagħrif dettaljat, inkluż mill-inqas tagħrif dwar in-natura tal-każ, il-valur u l-perjodu ta' żmien.

7. Ilmenti. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jipprovdu tagħrif dwar jekk l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali rċevewx ilmenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni, kemm mill-benefiċjarji kif ukoll minn dawk li mhumiex benefiċjarji.